EASA
European Union Aviation Safety Agency

4

Dan id-drone huwa inġenju tal-ajru.
Japplikaw il-liġijiet tal-avjazzjoni.

# Bħala bdot tad-drone, għandek responsabbiltà li ttajjar id-drone tiegħek b'mod sikur.

## Qabel it-titjir

- kun ċert li sid id-drone huwa reġistrat mal-awtorità nazzjonali ta' pajjiżu (sakemm mhux diġà reġistrat)
- kun ċert li n-numru ta' reġistrazzjoni tiegħek jinsab fuq id-drone
- aqra u segwi l-istruzzjonijiet tal-manifattur
- temm it-taħriġ obbligatorju online u għaddi mit-test

Informa ruħek dwar kif tirreġistra u titħarreġ, u dwar fejn tista' ttajjar id-drone:

www.easa.europa.eu/drones/NAA

!
Ksur tar-regoli jwassal għal impożizzjoni ta' pieni skont il-liġi.

# 4

## LI GĦANDEK TAGĦMEL

- Kun ċert li inti assigurat b'mod xieraq
- Kun af liema żoni ma jippermettux titjir (no-fly zones) u jekk hemmx limitazzjonijiet fiż-żona fejn tixtieq ittajjar id-drone
- Żomm għajnejk fuq id-drone il-ħin kollu
- Żomm distanza sikura bejn id-drone u n-nies, l-annimali jew inġenji tal-ajru oħrajn u distanza ta' mill-inqas 150 metru miż-żoni residenzjali, kummerċjali, industrijali u rikreattivi
- Għandek tgħarraf lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni ta' pajjiżek jekk id-drone tiegħek jiġi involut f'aċċident li jirriżulta f'korriment serju jew fatali li jinvolvi persuna, jew li jaffettwa inġenju tal-ajru b'ekwipaġġ
- Ħaddem id-drone tiegħek fil-limiti definiti fl-istruzzjonijiet tal-manifattur

## LI M'GĦANDEKX TAGĦMEL

- Ittajjarx id-drone f'għoli aktar minn 120 metru mill-art
- Ittajjarx id-drone biswit inġenji tal-ajru u viċin ajruporti, helipads jew f'postijiet fejn ikun qed iseħħ rispons ta' emerġenza
- Irrispetta l-privatezza ta' persuni oħra.
- Tagħmilx reġistrazzjonijiet mhux intenzjonati, u tippubblikax ritratti, filmati jew reġistrazzjonijiet awdjo ta' persuni mingħajr il-permess tagħhom
- Tużax id-drone biex iġġorr oġġetti perikolużi jew biex twassal xi materjal
- Tagħmilx modifiki fuq id-drone tiegħek. Mhux permess jintuża software li mhux rakkomandat mill-manifattur